

Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

6509/25

LIMITE

EDUC 41
JEUN 24
SOC 95
DIGIT 31

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Kumitat tal-Edukazzjoni eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq f'għadd ta' laqgħat. Id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar it-test meħmuż.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma li hemm qbil dwar it-test meħmuż u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2025 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-
edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fit-testi adottati fl-Unjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ u kwistjonijiet
soċjali għal kwistjonijiet ta' politika,

JISSOTTOLINJA li

1. Il-prinċipji tal-edukazzjoni inklużiva jirriflettu d-drittijiet fundamentali għall-istudenti kollha, kif minquxa fil-Konvenzjoni tal-UNESCO kontra d-Diskriminazzjoni fl-Edukazzjoni, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa kruċjali fit-trawwim ta' soċjetajiet inklużivi u demokratiċi u fl-ixprunar tal-kompetittività u l-prosperità. Soċjetà inklużiva, mibnija fuq il-pedament ta' edukazzjoni u taħriġ ekwi u ta' kwalità għolja, li tipprovdi infrastruttura aċċessibbli, materjali tat-tagħlim u approċċi pedagoġiċi, tiżgura u ttejjeb l-opportunitajiet, il-benesseri u t-tkabbir għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-ambjent li ġejjin minnu, mill-ħiliet jew miċ-ċirkostanzi tagħhom. Mingħajr edukazzjoni inklużiva, il-potenzjal għall-innovazzjoni u l-progress sostenibbli huwa limitat, u kemm il-koeżjoni soċjali kif ukoll il-kompetittività jissaħħu jekk jiġu sfruttati t-talenti u l-perspettivi differenti tal-individwi kollha.

3. L-educazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-educazzjoni skolastika għandhom rwol ċentrali billi jistabbilixxu miżuri preventivi biex jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjali, filwaqt li jrawmu l-benesseri fit-tul tal-individwu u tas-soċjetà. Prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-educazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u fl-educazzjoni skolastika jipromwovu opportunitajiet indaqs, koeżjoni soċjali u l-parteċipazzjoni sħiħa tat-tfal u l-istudenti kollha fl-educazzjoni u fis-soċjetà, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali, emozzjonali u soċjali komprensiv tagħhom. Jiżguraw ukoll li s-sistemi tal-educazzjoni u t-taħriġ jibqgħu reżiljenti, adattabbli u ekwi, u jipprovdu opportunitajiet lil kulħadd biex jikbru u jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.
4. Il-kunċett ta' educazzjoni inklużiva u l-integrazzjoni tagħha fl-oqfsa ta' politika tal-educazzjoni u t-taħriġ tal-Istati Membri evolvew u qed ikomplu jevolvu. L-educazzjoni inklużiva issa qed titqies dejjem aktar bħala approċċ sistemiku li jindirizza lill-istudenti kollha biex jiġi żgurat id-dritt universali tagħhom għall-educazzjoni. L-għan huwa li jiġu offruti opportunitajiet edukattivi sinifikanti u ta' kwalità għolja u appoġġ kontinwu lil kull student f'konformità mal-ewwel u l-ħdax-il prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-ewwel priyorità strateġika tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-educazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha.

JENFASIZZA li

5. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, it-termini "educazzjoni u kura bikrija tat-tfal" (ECEC) u "educazzjoni skolastika" għandhom jinftiehem f'konformità mal-liġi nazzjonali u mal-istruttura ta' kull sistema nazzjonali tal-educazzjoni u t-taħriġ.

JAGĦRAF li

6. L-educazzjoni u t-taħriġ għaddejjin minn trasformazzjoni sinifikanti, immexxiya mill-avvanzi fit-teknoloġija, approċċi pedagoġiċi innovattivi li qed jevolvu u ħtiġijiet soċjetali li qed jinbidlu. Dawn il-bidliet qed isawru mill-ġdid it-tagħlim, l-apprendiment, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni, b'enfasi dejjem akbar fuq prattiki personalizzati, innovattivi, inklużivi u flessibbli.

7. Il-kriżijiet reċenti, inkluż id-diżastri naturali, il-konflitti armati bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-instabbiltà ekonomika u l-emerġenzi tas-saħħa pubblika, u t-taqlib politiku u soċjali li jisfida r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-avvanz ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem prevalenti fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, għandhom impatt profond u spiss dejjiemi fuq is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-Ewropa. Dawn il-fatturi jistgħu jfixxlu l-apprendiment u jllimitaw l-aċċess għar-riżorsi, u għalhekk jaggravaw l-inugwaljanzi.
8. Id-diversità dejjem tikber tat-tfal u tal-istudenti ġgħib magħha sfidi għall-ambjenti u l-iskejjel tal-ECEC, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa li jirrispondu b'mod effettiv għall-ħtiġijiet diversi tagħhom. Dawn l-istituzzjonijiet għandhom ikunu aktar reżiljenti, aċċessibbli u inklużivi sabiex jippromwovu opportunitajiet ekwi għall-apprendiment u l-iżvilupp olistiku tat-tfal u l-istudenti kollha, u b'hekk jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali.
9. Il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor, inkluż fl-ECEC, huma kritiċi biex jiġi żgurat is-suċċess tal-edukazzjoni inklużiva. Madankollu, ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' professjonisti kwalifikati jibqgħu sfida sinifikanti f'ħafna Stati Membri, li tista' xxekkel l-implimentazzjoni effettiva tal-edukazzjoni inklużiva.

10. Is-snin bikrin tal-edukazzjoni, b'mod partikolari fl-ambjenti tal-ECEC, huma kritiċi biex jitqiegħdu l-pedamenti tal-apprendiment inklużiv. Dawk is-snin jikkultivaw l-iżvilupp personali, emozzjonali u soċjali komprensiv tat-tfal, isawru l-attitudni pożittiva tagħhom lejn l-apprendiment, jistimulaw il-kurżità tagħhom u jibnu l-awtostima. L-aċċess ekwu għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, interventi bikrija u pedagoġiji inklużivi jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet għat-tfal kollha li jirnexxu fil-ħajja.
11. Prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent ipogħu lil kull individwu, bl-isfidi, l-interessi u t-talenti tiegħu stess, fiċ-ċentru tal-proċess edukattiv, u jużaw metodi flessibbli u adattivi biex jilħqu lill-istudenti fejn ikunu u jiggwidawhom lejn l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tagħhom u l-kisba tas-suċċess fl-iskola, filwaqt li jiġġieldu r-restrizzjonijiet imposti minn inugwaljanzi strutturali, normi u sterjotipi soċjetali dannużi.
12. Permezz tad-dimensjoni inklużiva tagħha, l-edukazzjoni mhux formali tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-titjib tal-ħiliet personali tal-istudenti. Huwa importanti li jinbena kollegament bejn l-edukazzjoni formali u l-edukazzjoni mhux formali u li jiġu mħeġġa inizjattivi u azzjonijiet konġunti bejniethom.
13. Riċerka mnebbħa mill-evidenza turi li l-edukazzjoni inklużiva hija ta' benefiċċju għall-istudenti kollha, kemm f'termini ta' prestazzjoni edukattiva, żvilupp personali, emozzjonali u soċjali kif ukoll f'termini ta' benesseri ġenerali, u li meta studenti minn ambjenti u b'kapaċitajiet differenti jiġu inklużi flimkien fil-klassijiet ġenerali u jkollhom il-ħtiġijiet tagħhom issodisfati permezz ta' miżuri ta' appoġġ speċifiċi, huwa aktar probabbli li jiżviluppaw relazzjonijiet soċjali pożittivi, stima personali akbar u ħiliet aktar b'saħħithom għas-soluzzjoni tal-problemi, li huma kruċjali għall-apprendiment tul il-ħajja u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol.
14. L-aċċess għal data ta' kwalità għolja dwar l-eżiti tal-istudenti, il-prattiki inklużivi u l-ostakli li jiffaċċaw l-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi diversi u speċjali huwa kruċjali għall-monitoraġġ tal-progress, għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-politiki tal-edukazzjoni inklużiva, u għall-iżgurar li l-prattiki tal-iskejjel jiġu kontinwament adattati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-istudenti kollha.

15. Politiki mnebbħa mill-evidenza li jinkorporaw data dwar l-effettività ta' Prattiki inklużivi huma essenzjali biex jiggwidaw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' sistemi inklużivi ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livelli kollha u biex jiżguraw li l-interventi jitfasslu apposta biex jissodisfaw il-ħtiġijiet diversi tal-istudenti filwaqt li jippromwovu edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u ekwi.
16. L-edukazzjoni inizjali effettiva u ta' kwalità għolja tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu, ibbażati fuq l-evidenza u l-aħjar Prattiki kif ukoll il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-għalliema, huma essenzjali biex il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor, inkluż fl-ECEC, jiġu mgħammra bl-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-istrateġiji tat-tagħlim biex tiġi ffaċilitata l-edukazzjoni inklużiva. Dan jinkludi li jkunu jistgħu jużaw teknoloġiji ta' assistenza etiċi u sikuri biex jappoġġaw lit-tfal u lill-istudenti bi ħtiġijiet differenti fi gruppi ġenerali f'ambjenti, klassijiet u skejjel tal-ECEC.
17. L-integrazzjoni tal-prinċipji tal-edukazzjoni inklużiva fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ teħtieġ approċċ komprensiv u skolastiku sħiħ li fih il-proċessi tal-apprendiment, il-Prattiki tat-tagħlim, il-metodi ta' valutazzjoni, l-ambjent tal-iskola u s-servizzi ta' appoġġ ikunu allinjati biex jipprovdu esperjenza edukattiva komprensiva u benesseri għall-istudenti kollha, u fejn il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor jirriflettu d-diversità tas-soċjetà.

FILWAQT LI JQIS

18. L-importanza ta' Prattiki ta' edukazzjoni inklużiva bbażati fuq approċċ iċċentrat fuq l-istudent, li jqis il-ħtiġijiet, l-interessi u l-istili ta' apprendiment differenti ta' kull individwu mill-ECEC sal-edukazzjoni skolastika.
19. L-importanza ta' grupp diversifikat u kwalifikat ta' persunal tat-tagħlim fit-titjib tal-eżiti tal-apprendiment għall-istudenti kollha u l-kontribut ta' tali fatturi għall-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp ta' soċjetajiet demokratiċi.

20. L-importanza tal-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni mal-familji, il-ġenituri jew il-kustodji legali kollha sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu fl-aħjar interess tat-tfal.
21. Il-ħtieġa li jiġu żviluppati u implimentati aktar politiki u Prattiki mnebbħa mill-evidenza b'mod sistemiku sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jevolvu u diversi tat-tfal u tal-istudenti, kemm fl-ECEC kif ukoll fl-edukazzjoni skolastika, filwaqt li jiġi żgurat li daww l-approċċi jirriflettaw l-aktar riċerka reċenti rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

JINDIKA l-ħtieġa li

22. Jiżguraw l-identifikazzjoni adegwata u bikrija tal-ħtiġijiet diversi tal-istudenti bl-oġettiv li jinħolqu ambjenti ta' apprendiment inklużivi u sikuri li jinkoraġġixxu l-involvement tal-istudenti kollha f'edukazzjoni u taħriġ ekwi u ta' kwalità għolja filwaqt li jirrispettaw id-diversità u l-valuri komuni Ewropej u jippromwovu l-umaniżmu diġitali.
23. Jindirizzaw il-ħtiġijiet diversi tal-istudenti billi jipprovdu miżuri ta' appoġġ adegwati mnebbħa mill-evidenza, filwaqt li jgħammru lill-istudenti kif ukoll lill-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarriġa u persunal ieħor bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet biex jirrikonoxxu u jagħtu valur lid-diversità u jrawmu l-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza, is-sodisfazzjon personali u ċ-ċittadinanza attiva.
24. Jiżviluppaw u jsaħħu r-riċerka, il-ġbir tad-data u s-sistemi ta' inkjesta robusti fil-qasam tal-ECEC inklużivi u l-edukazzjoni skolastika biex jiggwidaw l-għażla strateġika ta' approċċi inklużivi effettivi u effiċjenti.

25. Ikomplu jiżviluppaw, fejn rilevanti, u jimplimentaw strateġija integrata u komprensiva lejn is-suċċess fl-iskola u politiki inklużivi li jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva tat-tfal u tal-istudenti kollha, filwaqt li jiżguraw aċċess ekwu għal ECEC u edukazzjoni skolastika ta' kwalità għolja u jneħħu l-ostakli għall-apprendiment.
26. Irawmu approċċi u strateġiji ta' tagħlim u ta' valutazzjoni formattiva li huma mmirati, flessibbli, differenzjati u personalizzati biex jakkomodaw il-ħtiġijiet differenti tal-istudenti, sabiex l-ambjenti edukattivi jappoġġaw il-parteċipazzjoni sħiħa ta' kull student, irrispettivament mill-punt tat-tluq tagħhom.
27. Permezz ta' approċċ skolastiku integrat, ikomplu jiżviluppaw kulturi u prattiki inklużivi tal-ECEC u tal-iskejjel li jirrispettaw u jivvalorizzaw id-diversità, jippromwovu r-rispett għall-individwi u l-mudelli eżemplari kollha mill-oqsma kollha tal-ħajja u jinkoraġġixxu approċċi kollaborattivi għall-apprendiment, fejn it-tfal, l-istudenti, il-familji, il-ġenituri jew il-kustodji legali, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor bħal persunal ta' appoġġ u speċjalizzat, inkluż fl-ECEC, jaħdmu flimkien biex joħlqu komunitajiet ta' apprendiment ta' appoġġ, fejn jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' apprendiment u l-benesseri ta' kulħadd.
28. Jiżguraw li jsiru sforzi biex il-fehmiet u l-opinjonijiet kollha tal-istudenti jiġu inkorporati fi kwistjonijiet edukattivi li jikkonċernawhom bil-ħsieb li jissaħħaħ is-sens ta' aġenzija u appartenenza tagħhom filwaqt li jħossu li huma awtonomi, inklużi u involuti fi proċessi demokratiċi.

29. Jinkoraġġixxu involviment usa' tal-familji, il-ġenituri jew il-kustodji legali fil-ħajja tal-ambjenti u tal-iskejjel tal-ECEC biex jappoġġaw ir-rikonoxximent tal-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tat-tfal tagħhom u l-ambjent soċjoekonomiku u kulturali tagħhom, filwaqt li jqisu l-aħjar interessi tat-tfal.
30. Jikkunsidraw l-investiment fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu u l-appoġġ għall-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor bħal persunal ta' appoġġ u speċjalizzat, biex jiżguraw li jkunu mġhammra bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet biex jimplimentaw prattiki inklużivi ta' taġħlim u valutazzjoni, jirrikonoxxu u jindirizzaw il-ħtiġijiet differenti tal-istudenti u jrawmu ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ.
31. Filwaqt li jibnu fuq strutturi eżistenti biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi addizzjonali, isaħħu l-isforzi biex tinġabar u tiġi analizzata data dwar prattiki inklużivi u eżiti ta' apprendiment għall-istudenti kollha, b'attenzjoni partikolari għal dawk li ġejjin minn ambjenti sottorappreżentati u emarġinati u dawk bi bżonnijiet edukattivi speċjali, filwaqt li jevitaw it-tikkettar u l-istigmatizzazzjoni, biex jiġi żgurat li l-politiki jkunu infurmati minn evidenza affidabbli u aġġornata.
32. Jappoġġaw l-analiżi ta' prattiki inklużivi effettivi u t-traduzzjoni tar-riċerka f' strateġiji prattiċi għall-inklużjoni, filwaqt li jiżguraw li dawk l-istrateġiji jkunu rilevanti b'mod kuntestwali u adattabbli għal ambjenti edukattivi differenti.

33. Jinkoraġġixxu, fejn xieraq, l-użu etiku u sikur ta' teknoloġiji ta' assistenza u għodod diġitali, filwaqt li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet il-ġodda li l-intelliġenza artifiċjali tista' ġġib biex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà u jittejbu l-eżiti tal-apprendiment għall-istudenti bi ħtiġijiet differenti u tiġi promossa l-ekwità tal-aċċess għal daww it-teknoloġiji u l-għodod.
34. Ikomplu jippromwovi l-kollaborazzjoni bejn daww li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi, iż-żgħażaġħ, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor, inkluż fl-ECEC u partijiet ikkonċernati oħra biex jiġi żgurat li l-prattiki mnebbħa mill-evidenza infurmata jiġu kondiviżi, evalwati u implimentati fis-sistemi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
35. Jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-ECEC, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka għall-iżvilupp ta' metodi innovattivi, mnebbħa mill-evidenza, inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent li jappoġġaw lill-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor, inkluż fl-ECEC, fil-ħidma tagħhom.
36. Isaħħu s-sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-ECEC, l-iskejjel, is-servizzi soċjali, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ u l-organizzazzjonijiet tal-komunità biex jappoġġaw l-iżvilupp olistiku tat-tfal u tal-istudenti, filwaqt li jindirizzaw kemm il-fatturi edukattivi kif ukoll daww soċjoekonomiċi li jinfluwenzaw l-eżiti tal-apprendiment u l-benesseri tagħhom.
37. Jimmonitorjaw u jevalwaw l-effettività tal-politiki u l-prattiki tal-edukazzjoni inklużiva bl-użu ta' firxa ta' mezzi, inkluż feedback mill-istudenti, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor, inkluż fl-ECEC, u l-familji, il-ġenituri jew il-kustodji legali, filwaqt li jagħmlu aġġustamenti kif meħtieġ biex jiġi żgurat titjib kontinwu.

38. Tkompli toffri appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw prattiki ta' edukazzjoni inklużiva permezz ta' finanzjament tal-UE bil-mezzi kollha disponibbli, mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027 u permezz tal-iżvilupp ta' riżorsi li jippromwovu politiki inklużivi mnebbħin mill-evidenza, bl-użu, fost affarijiet oħra, tal-għarfien espert tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Parametri Referenzjarji.
39. Tkompli toffri appoġġ lill-Istati Membri f'attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari, li jgħolqu opportunitajiet biex tiġi esplorata l-evidenza tar-riċerka u biex wieħed jitgħalliem mill-esperjenzi fil-promozzjoni tal-bidla u l-innovazzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
40. Tkompli tiżviluppa repożitorju ta' politiki u prattiki effettivi u effiċjenti bbażati fuq ir-riċerka dwar l-edukazzjoni inklużiva, li jibnu fuq ir-riżorsi eżistenti, bħall-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, bl-għan li jiġu appoġġati l-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor, inkluż fl-ECEC kif ukoll fil-politika lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex jittejbu l-eżiti għat-tfal u l-istudenti kollha.
41. Tkompli tikkoopera u tfittex sinerġiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, aġenziji indipendenti u partijiet ikkonċernati internazzjonali rilevanti oħra, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, l-OECD, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA), il-UNESCO, il-UNICEF u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex tissaħħaħ l-evidenza dwar l-edukazzjoni inklużiva, filwaqt li jiġi evitat il-ħolqien ta' strutturi ġodda.
42. Tieħu kont ta' dawn il-konklużjonijiet meta tkeġji u timplimenta azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI

43. Ikomplu jużaw il-potenzjal sħiħ tal-programm Erasmus+ biex jappoġġa l-edukazzjoni inklużiva permezz ta' proġetti, prattiki u għodod pedagoġiċi fid-dimensjonijiet u l-azzjonijiet kollha tagħha, u jagħmlu l-aħjar użu mill-approċċ inklużiv tal-programm għall-mobbiltà tal-apprendiment sabiex iwasslu għal bidla reali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
44. Jimpjenjaw ruħhom li jiżguraw li l-edukazzjoni inklużiva tibqa' prijorità fil-livell tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jikkontribwixxu għall-kisba sħiħa taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-Għan 4 (Edukazzjoni ta' Kwalità).
45. Ikomplu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali fis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jinħolqu sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi, ekwi u ċċentrati fuq l-istudent li jappoġġaw l-iżvilupp tal-istudenti kollha.